MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 1350/2004

**Anthony Ellul**
**(ID 644853 M)**

**Vs**

**Selina Falzon**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta` Gunju, 2004, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' hames mitt lira (Lm500) rapprezentanti valur ta` danni sofferti f'incident stradali li sehh nhar it-18 ta` Marzu, 2004 ghal habta ta` 2.48pm gewwa Triq Sir William Reed, Gzira bejn il-vettura numru ABB 836 proprjeta` ta` l-attur u dik bin-numru SEL 081 misjuqa mill-konvenuta ghal liema ncident l-istess konvenuta kienet unikament responsabbli.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsult ammontanti ghal Lm11.50, ta` ittra legali datata 19 ta` April, 2004 u ta` ittra

ufficcjali prezentata kontestwalment ma` dana l-att kontra s-socjeta` assikuratrici GasanMamo Insurance Limited u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta` dan l-att sal-hlas effettiv kontra l-konvenuta li tibqa` minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta maghmula mis-socjeta` ntervenuta fil-kawza datata 4 ta` Ottubru, 2004 fejn ikkontestat it-talba attrici stante li allegaw li l-incident sehh minhabba tortijiet imputabbli ghal l-istess attur meta saq gewwa triq li kienet suppost maghluqa ghat-traffiku.

Gie notat li l-konvenuta di proprio baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ezamina l-provi kollha migjuba nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi fil-kaz in ezami, jirrizulta illi l-impatt bejn il-vetturi nvoluti sehh meta l-attur kien tiela` dritt fi Triq Reed, il-Gzira, meta l-konvenuta hargitlu minn fuq in-naha tax-xellug tieghu minn fuq stop sign minghajr ma waqfet. Din il-verzjoni tal-fatti tinsab konfermata miz-zewg nahat, inkluz dak li l-konvenuta harget minn fuq stop sign minghajr ma waqfet. L-unika kontestazzjoni li hemm f'dan il-kaz huwa limitat biss ghal hin ta` l-incident peress illi l-intervenut fil-kawza qed jallega li fil-hin ta` l-incident Reed Street, kienet suppost maghluqa ghat-traffiku u kwindi l-attur ma setax jitla` minnha u kwindi, dan l-agir tieghu kellu effetti kontributorji fuq l-incident in kwistjoni.

L-attur xehed bil-gurament tieghu illi meta sehh l-incident kienu gia` ghaddew it-tlieta nieqsin kwart u in kontro-ezami jzid ighid li l-warden gie fuq il-post f'xi t-tlieta u ghaxra.

Ir-rapport tal-warden esebit bhala Dok AE1 jindika l-hin ta` l-incident bhala 14hrs 48min u li wasal fuq il-post

f’3.10pm. F’kopja ohra ta` l-istess rapport esebit bhala Dok CF1, il-hin ta` l-incident jidher immarkat bhala 14hrs 40 mins filwaqt li rega` gie kkonfermat li wasal fuq il-lok f’3.10pm. Dan ix-xhud Warden 243 Clayton Frendo ma setax jaghti spjegazzjoni il-ghala kien hemm din id-diskrepanza fil-hin. Jispjega pero` li t-telefonata dahlet fl-ufficcju taghhom fil-hin 14.48hrs u kwindi ghalhekk fuq l-ewwel rapport Dok AE1 ikun tnizzel dak il-hin kf dal resto jinsab ukoll fuq id-Dok CF1 taht il-kliem *request logged*. Dan il-hin huwa korrett peress illi jigi rrekordjat awtomatikament fuq is-sistema komputerizzata. Ighid ukoll li fuq il-post ta` l-incident ebda parti ma kienet gibditlu l-attenzjoni dwar it-tabella. Dan gie ndikat lilu xi zmien wara u kien ha r-ritratt taghha a fol. 53 tal-process kif mitlub. Meta rega` ttella jixhed dan il-warden, ikkonferma li r-request dahlet fil-hin 14.48hrs (ukoll dokument a fol. 73). Jikkonferma wkoll li fuq il-prime note tieghu huwa kien nizzel il-hin ta` l-incident bhala 14.48hrs pero` in segwitu dana gie korrett ghal 14.40 hrs. Jispjega li kien nizzel il-hin ta` l-incident bhala 14.48hrs peress li kien dak il-hin li dahlet it-telefonata.

Id-dokument esebit minn Anthony Bonnici a fol. 80 tal-process jirriproduci t-telefonati maghmula mill-attur fil-hin in kwistjoni. In segwitu xehed Warden 267 Samuel Micallef li kkonferma in-numri tat-telephone bhala 21324801 u 21320202. Minn ezami tad-dokument a fol. 80 tal-process jirrizulta li l-attur cempel fuq dawn in-numri fil-hin 14.47:50 u 14.50:03 rispettivament.

Il-konvenuta tallega fix-xhieda taghha illi l-incident sehh ghal habta tas-saghtejn u nofs u hamsa. Tghid li ta` bil-fors harget ‘il barra minn fuq l-istop sign peress li kien hemm vetturi parkeggjati fuq in-naha tal-lemin taghha fit-triq fejn kienet ser tohrog. Tikkonferma li kien l-istess attur li cempel ghal warden u dana xi ghaxar minuti wara l-incident. In kontro-ezami tghid li hija certa dwar il-hin peress li harset lejn l-arlogg ma` l-impatt. Ikkonfermat ukoll pero` li qabel l-impatt hija rat lill-vettura ta` l-attur gejja u kif ukoll li dan l-attur kien paqpqilha biex jindika l-prezenza tieghu. Tammetti li ma waqfitx fuq l-istop sign pero` waqfet aktar ‘il barra biex ikollha vizwali ahjar. Fuq

domanda tat-Tribunal, il-konvenuta tghid li hija lemhet lill-attur ghax kien paqpqilha u mhux ghax l-ewwel kienet ratu. Tghid ukoll li l-vettura taghha ma lahqitx iccaqilqet wara li semghet il-horn.

Illi fil-fehma tat-Tribunal il-fatt dwar jekk it-triq kinietx maghluqa ghat-traffiku o meno ftit li xejn ghandu jkollha rilevanza ghal kaz in ezami. Wiehed irid jara jekk il-kawza prossima ta` l-incident kienx il-fatt li l-attur kien possibbilment ghaddej f'hin meta suppost it-triq tkun maghluqa ghal cirkolazzjoni normali tat-traffiku jew inkella 'l ghaliex il-konvenuta ma osservatx regola bazilari fis-sewqan u cioe` dak li fuq stop sign ghandha dejjem tieqaf fis-sens li tieqaf ghal kollox. It-Tribunal ihoss li fil-kaz in ezami kien proprju dan in-nuqqas da parti tal-konvenuta u xejn aktar li wassal ghall-impatt in kwistjoni u kwindi hija ghandha tirrispondi ghall-istess.

Illi ma jidhirx li kien hemm xi kontestazzjoni fuq il-kwantum tad-danni apparti l-fatt li dawn jinsabu ampjament ippruvati tramite d-dokumenti esebiti nkluz is-survey report.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenuta Selina Falzon kienet unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni kwindi jiddikjara li ma jaqbilx mar-risposta prezentata mis-socjeta` assikuratrici ta` l-istess konvenuta (u dana qed jinghad f'dan is-sens peress li l-istess socjeta` hija fil-fatt intervenut fil-kawza u mhux kjamata fil-kawza) u konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-attur is-somma mitluba ta` hames mitt lira (Lm500), bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta` dana l-att u bl-ispejjez kif rikjesti a karigu ta` l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------